

# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors**
**MASS VO 0629**

***Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.***
***Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta***
***website: mass.org.mt  email: info@mass.org.mt***

## Editorjal *minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Azzjonisti,

Nispera li tinsabu tajbin, bħalma ninsabu aħna. Qed nikteb fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju, żmien li fih aħna mpenjati b'diversi laqgħat u attivitajiet kważi kuljum. Kif tafu, bħalissa qegħdin fl-aqwa staġun tal-laqgħat ġenerali annwali tal-kumpaniji; għalhekk, minbarra li nattendu għal dawn il-laqgħat, ikollna wkoll laqgħat oħra mal-bordijiet tal-istess kumpaniji, fejn jiġu spjegati l-andament u l-qagħda finanzjarja tagħhom. Kif tafu wkoll, issa tħabbret id-data tal-elezzjoni, u għaldaqstant qegħdin impenjati wkoll biex inwasslu l-messaġġ tagħna lill-politiċi fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti u l-andament tal-Borża ta' Malta, li għalkemm uriet xi progress f'dawn l-aħħar xhur, għadha ma laħqitx il-livell li nixtiequ.

Minbarra dan, il-ħidma tal-MASS għadha għaddejja b'rata intensiva minħabba diversi kwistjonijiet li qamu fl-aħħar ġimgħat u xhur, fosthom dawk relatati ma' Hili, Malita, u l-aktar reċentement, il-MIDI. Aħna qed nagħmlu kull sforz biex niksbu l-aħjar riżultati possibbli għall-azzjonisti ta' dawn il-kumpaniji.

Dan huwa r-raba' magażin għal din is-sena u, bħas-soltu, huwa mimli b'tagħrif u artikli interessanti. F'din in-*Newsletter* numru 99 għal April, se ssibu l-**Editorjal** miktub minn Tarcisio Barbara, fil-kariga ta' Viċi President u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MASS. Wara, issibu wkoll ir-**Rapport tal-Attivitajiet tal-MASS** miktub minni, fejn qed nirrappurtaw l-impenji kollha tal-assoċjazzjoni matul ix-xahar ta' Marzu 2026.

Imbagħad, insibu rapporti marbuta mal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS li saret f'Marzu: **Il-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-sena 2025**, **Id-diskors tal-President**, u fl-aħħar **Ir-Rapport Amministrattiv**. Issibu wkoll xi **Uħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom**. Fl-aħħar nett, f'paġna 19 issibu wkoll l-**Avviżi**.

Nittamaw li, bħal dejjem, issibu din ir-rivista interessanti. Min-naħa tagħna, nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll, f'isem sħabi, nirringrazzja lill-għadd kbir ta' membri li kitbulna jew ċemplulna biex jirringrazzjawna, kif ukoll lil dawk li tawna l-appoġġ tagħhom biex inkomplu mexjin 'il quddiem. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikaw, jekk jogħġobkom għadduhulna.

Nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom u nirringrazzja b'mod speċjali lill-i*sponsors* kollha li tarawhom fil-lista "**Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)**" fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll, f'isem il-MASS, lill-kontributuri kollha ta' dan il-fuljett.

***Disclaimer***
*L-artikli f'dan il-fuljett qed jiġu ppubblikati biss għal skop ta' informazzjoni u m'għandux jiġi interpretat bħala parir dwar investiment, legali jew fiskali, jew bħala rakkomandazzjoni biex tixtri, tbigħ, jew iżżomm xi sigurtà, strateġija ta' investiment jew settur tas-suq. Investituri prospettivi huma dejjem imħeġġa biex jikkonsultaw mal-Konsulent tal-Investiment tagħhom qabel ma jagħmlu investiment. Il-prestazzjoni tal-passat mhijiex garanzija ta' riżultati futuri, u l-valur tal-investimenti jista' jinżel kif ukoll jiżdied. Il-MASS ma taċċetta l-ebda responsabbiltà tkun xi tkun għal kwalunkwe spiża, telf jew danni li jirriżultaw minn, jew b'xi mod konness mal-użu ta' dawn l-artikli kollha jew xi parti minnhom.*

**Indirizz**

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

NEWSPAPERPOST



# Rapport tal-Attivitajiet tal-MASS Marzu 2026

***Minn Tarcisio Barbara***

**Fl-4 ta' Marzu 2026**, filgħodu, il-kumpanija Malta International Airport, reġgħet organizzat *tour* għall-azzjonisti li ma kinux attendew qabel, kemm għal dak li jorganizzaw huma stess, kif ukoll għal dak li konna organizzajna aħna bħala MASS. Min-naħa tal-MASS attendiet persuna mill-kumitat u dan il-ġest ġie apprezzat ħafna min-naħa tal-Kumpanija.




Kif isir is-soltu, ingħatat preżentazzjoni u spjegazzjoni dwar kif jaħdem l-ajruport u t-taqsimiet differenti tiegħu. Wara kien hemm bibita għal dawk kollha li attendew. Fl-aħħar sar *tour* f'diversi postijiet madwar it-terminal, b'enfasi fuq il-parti l-ġdida.

**Fil-5 u s-6 ta' Marzu 2026**, saret il-Konferenza *Governance, Risk, Compliance* & ESG (GRC & ESG) 2026 u li kienet waħda mill-aktar avvenimenti importanti fis-settur finanzjarju u regolatorju f'Malta. Din il-konferenza saret fil-Hilton Malta, San Ġiljan, u ġabret flimkien professjonisti, regolaturi, kumpaniji, esperti tal-governanza, u rappreżentanti mis-settur finanzjarju kemm minn Malta kif ukoll minn pajjiżi oħra.

Il-konferenza kienet organizzata permezz ta' kollaborazzjoni bejn il-Malta Stock Exchange (MSE) u l-Malta Financial Services Authority (MFSA), bil-għan li tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' Malta bħala ċentru ewlieni għall-governanza korporattiva, il-ġestjoni tar-riskju, il-konformità regolatorja, u l-prinċipji ESG.

Il-konferenza kellha diversi għanijiet importanti, fosthom:

- Tisħiħ tal-governanza korporattiva u l-kultura ta' trasparenza
- Diskussjoni dwar l-isfidi regolatorji emerġenti
- Promozzjoni tal-prinċipji ESG (*Environmental, Social & Governance*)
- Kondiviżjoni ta' prattiki tajbin fil-ġestjoni tar-riskju
- Diskussjoni dwar l-impatt tat-teknoloġija, *cybersecurity* u l-intelliġenza artifiċjali fuq il-konformità u l-governanza
- Ħolqien ta' opportunitajiet ta' *networking* bejn professjonisti u regolaturi

Il-konferenza attirat udjenza diversa, inkluż:

- CEOs u membri ta' bordijiet ta' kumpaniji
- *Compliance officers*
- *Risk managers*
- Awdituri interni
- Regolaturi u awtoritajiet governattivi
- Esperti tal-ESG u sostenibbiltà
- Avukati u konsulenti regolatorji
- Professjonisti tal-Fintech u RegTech
- Rappreżentanti mill-Assoċjazzjoni MASS




Dan għamel il-konferenza pjattaforma importanti għal skambju ta' ideat, *networking* u kollaborazzjoni bejn diversi setturi.

Il-Konferenza GRC & ESG 2026 kienet avveniment ta' valur kbir għas-settur finanzjarju u korporattiv. Hija pprovdiet pjattaforma għal diskussjoni dwar l-isfidi attwali u dawk futuri fil-governanza, konformità, ġestjoni tar-riskju u ESG. Il-konferenza enfasizzat li l-futur tal-kumpaniji jiddependi dejjem aktar fuq tmexxija responsabbli, sostenibbiltà u kapaċità li jiġu indirizzati riskji ġodda. Barra minn hekk, il-konferenza kkonfermat li Malta qed tkompli tibni reputazzjoni b'saħħitha bħala ċentru ta' eċċellenza fil-governanza, konformità, u ESG.



M&Z

# Importers & Distributors of leading household brands.

## M&Z at a Glance

**Listed on Malta Stock Exchange**

**2,000+**
Retail & Horeca Partners in Malta

**100+**
Household Brands

**Serving Maltese Families for over 100 Years**

## BRAND PORTFOLIO

**A selection of our brands...**

Knorr, Ella's kitchen, FLORA, [ yellow tail ], HANINI, HELLMANN'S, EMBORG, Vaseline, WALKER'S, KOPPARBERG, Prince, BLUE ANGEL

## SHAREHOLDER PRIVILEGE PROGRAMME

**We're proud to continue rewarding our shareholders through the M&Z p.l.c. Shareholder Privilege Card**, offering exclusive, year-round discounts on groceries and other items via whatsinstore.com.mt

What's INSTORE

Apply for your shareholder privilege card by emailing **invest@mz.com.mt**

Terms & conditions apply.

**Exclusive to M&Z Shareholders**

**mz.com.mt**

**Fil-11 ta' Marzu 2026**, wara nofsinhar, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. [8 membri tal-Kumitat kienu preżenti]. Din il-laqgħa saret ma' membru tal-MASS, li xtaq iressaq diversi proposti u kummenti, prinċipalment dwar dawn il-punti:

1. L-importanza li investitur ikollu fiduċja fil-kumpanija li jagħżel li jinvesti fiha.
2. Il-membri tal-Kumitat tal-MASS għandhom jiddikjaraw l-investimenti personali tagħhom sabiex tissaħħaħ it-trasparenza.
3. Il-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jorganizzaw "Jum tal-Azzjonisti" biex isaħħu l-komunikazzjoni mal-investituri.
4. Il-Borża ta' Malta għandu jkollha librerija aċċessibbli ta' prospetti u rapporti annwali għall-konsultazzjoni tal-pubbliku.
5. Il-MASS għandha tagħti aktar attenzjoni lill-progress u l-prestazzjoni tal-kumpaniji elenkati, filwaqt li tiffoka inqas fuq aspetti edukattivi.

Il-membri tal-kumitat preżenti qablu ma wħud minn dawn il-proposti, imma hemm oħrajn li ma qablux magħhom.

**Fil-11 ta' Marzu 2026**, filgħaxija, saret il-111-il konferenza tal-MASS ġewwa l-Borża ta' Malta, fil-Belt Valletta. Il-kelliema kienu: Is-Sa Lorraine Vella u s-Sur Gabriel Aquilina mill-Malta Financial Services Authority (MFSA). Is-suġġett kien: *Mandatory vs Voluntary Bids and the Rights of Shareholders*.

Kif isir is-soltu, qabel bdiet il-laqgħa ngħatat informazzjoni u aġġornamenti dwar il-laqgħat li kienu saru fix-xahar ta' qabel. Wara, ingħataw ukoll dettalji dwar il-laqgħat ippjanati għall-ġranet u l-ġimgħat li kienu ġejjin, b'enfasi






partikolari fuq il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS li kellha ssir fis-17 ta' Marzu. Ingħatat ukoll informazzjoni dwar iż-żewġ konferenzi previsti għal April. Aktar tard, kompliet id-diskussjoni dwar il-kwistjoni tal-MIDI, il-Malita, u kumpaniji oħra, kif ukoll dwar il-kwistjoni tat-taxxa li kienet qed tkun diskussa fl-aħbarijiet ta' dawk il-jiem.

Fis-sitta ta' filgħaxija bdiet il-konferenza formali dwar is-suġġett *Mandatory vs Voluntary Bids and the Rights of Shareholders*. Il-kelliema spjegaw is-suġġett fid-dettall, u segwiet sessjoni attiva ta' mistoqsijiet minn dawk preżenti. Din il-laqgħa kienet waħda interessanti ħafna, u l-attendenza kienet ferm tajba.

**Fit-12 ta' Marzu 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-kumitat tal-MASS ġiet mistiedna, flimkien mal-i*stockbrokers*, għal laqgħa dwar ir-riżultati tal-APS Bank plc. Din il-laqgħa saret ġewwa l-APS Bank Hub fis-Swatar. Is-Sinjorina Aida Cassola kienet il-moderatur tal-laqgħa.




Fil-bidu, iċ-Ċermen tal-bank, is-Sur Martin Scicluna, tkellem dwar il-punti ewlenin tal-ekonomija internazzjonali u lokali. Imbagħad indirizza l-governanza tal-bank u ta ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati finanzjarji tal-bank għas-sena 2025. Spjega wkoll dwar l-inizjattivi CSR, fejn qal li l-bank għen 256 entità u NGO. Ingħata dividend ta' €0.029 li jinkludi l-interim. Wara r-*rights issue*, żdied b'mod sostanzjali n-numru ta' azzjonisti, filwaqt li l-azzjonist maġġoritarju naqqas is-sehem tiegħu. Fl-aħħar, irringrazzja lill-bord tad-diretturi kif ukoll lill-istaff tal-bank.

Sussegwentement, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Marcell Cassar, għamel il-messaġġ tiegħu permezz ta' preżentazzjoni f'forma ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Fir-rigward tar-riżultati tas-sena li għaddiet, huwa qal li dawn qabżu l-aspettattivi li kienu ġew stabbiliti.

Wara, il-Kap Finanzjarju, is-Sur Ronald Mizzi, ippreżenta r-riżultati finanzjarji u daħal fid-dettall dwar il-figuri. Intqal li l-bank issa għandu madwar 3,400 azzjonist, mingħajr ma jiġu kkunsidrati dawk li għandhom kontijiet *nominee*. Kien innutat ukoll li s-sena li għaddiet tħallsu l-ogħla dividendi li qatt ħallas il-bank.

Matul il-ħin tal-mistoqsijiet, saret mistoqsija dwar it-tbassir għal din is-sena. Ir-risposta kienet li l-ewwel tliet xhur tas-sena qed juru riżultati pożittivi ħafna, u hemm tama li l-andament jibqa' tajjeb matul il-bqija tas-sena, sakemm ma jinqalgħux ċirkostanzi straordinarji. Dwar is-sitwazzjoni attwali tal-gwerra, ġie spjegat li sa dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kienet qed taffettwa lill-bank.

Intqal ukoll li l-bank huwa t-tieni l-akbar istituzzjoni fis-self u li għandu l-ħsieb ikompli jikber, bi żjieda kontinwa fl-għoti tas-self. Saret ukoll mistoqsija dwar jekk il-fondi miġbura mir-*rights issue* kinux se jintużaw biex jinxtraw kumpaniji oħra. Fir-risposta ġie spjegat li dawn il-fondi se jintużaw prinċipalment biex ikompli jissaħħaħ il-bank, iżda jekk tinqala' opportunità tajba, huma lesti jevalwawha. Fl-aħħar, intqal li l-vidjo ta' din il-laqgħa kellu jkun disponibbli fuq il-websajt tal-bank.

**Fl-14 ta' Marzu 2026**, filgħaxija, il-membri tal-kumitat tal-MASS ġew mistiedna, flimkien ma' klijenti, investituri u *stakeholders* tal-bank BOV, għal serata speċjali organizzata mill-istess Bank of Valletta plc. Din is-serata saret



ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fil-Belt Valletta. Fil-bidu ġew servuti xi xarbiet, u wara, dawk li attendew inġabru fis-sala ewlenija ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi għal kunċert mill-isbaħ mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Wara l-kunċert, saret bibita fis-sala *Sacra Infermeria*.

Bħas-soltu, f'okkażjonijiet bħal dawn, kellna l-opportunità nagħmlu diversi kuntatti ma' entitajiet differenti.

**Fis-16 ta' Marzu 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-kumitat tal-MASS flimkien ma' *stockbrokers* attendejna għal laqgħa organizzata mill-kumpanija AX, li saret fil-lukanda Palace, f'Tas-Sliema. L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-kumpanija, is-Sur Michael Warrington, beda billi skuża liċ-Ċermen, is-Sur Anġlu Xuereb, li ma setax ikun preżenti għal din l-okkażjoni. Fl-introduzzjoni tiegħu qal li kien se jibda b'vidjo fl-okkażjoni tal-għeluq tal-50 sena mit-twaqqif tal-kumpanija.




Imbagħad beda jagħti spjegazzjoni permezz ta' preżentazzjoni dwar x'għamlet u x'qed tagħmel il-kumpanija. Huwa elenka l-punti ewlenin tax-xogħlijiet li għaddejjin bihom u semma li issa waslu fl-istadju finali tal-Lukanda Verdala. Spjega wkoll li nbiegħu diversi appartamenti filwaqt li oħrajn għadhom fil-proċess ta' bejgħ.





Rigward il-prestazzjoni tal-kumpanija, qal li d-dħul tal-grupp żdied b'57% u laħaq l-ammont ta' €130 miljun. Il-proprjetajiet kollha tal-kura huma okkupati. Is-sussidjarja AXR, qed tibbenefika mid-dħul tal-lukandi. Kompla jagħti l-figuri finanzjarji fejn qal li l-profitt kien ta' €24.3 miljun, filwaqt li l-assi tal-kumpanija telgħu għal €529 miljun minn €513-il miljun.

Imbagħad għadda biex jitkellem fuq l-operat tad-diviżjonijiet differenti. Fir-rigward tal-Lukanda Verdala, id-dħul tagħha għadu ma deherx fil-figuri finanzjarji. Id-dħul tal-lukandi tal-AX żdied bi 12%. Spjega wkoll li 800 impjegat mill-1,400 tal-grupp jaħdmu fis-settur

tal-ospitalità. F'dan is-settur, it-*turnover* kien ta' €69 miljun. Wara tkellem dwar il-lukandi differenti li għandhom f'diversi lokalitajiet, fosthom fil-Belt, Tas-Sliema, ir-Rabat, u l-Qawra, u semma wkoll il-livell ta' okkupanza tagħhom.

Dwar l-iżvilupp tad-diviżjonijiet, intwera vidjo ieħor dwar il-proġett Verdala. Fi Frar, 77% tal-proprjetajiet kienu diġà nbiegħu, u dawn jiswew aktar minn miljun ewro kull wieħed. Huwa kompla jgħid li għaddejjin xogħlijiet fuq proġetti oħra fil-Qawra u qed isir *refurbishment* tal-Lukanda Palace f'Tas-Sliema. Minħabba li l-Hilltop u s-Simblija huma kollha okkupati, se jinbena sular addizzjonali fuq dawn il-binjiet. F'dan ir-rigward, ingħad li d-dħul baqa' jiżdied.

Meta tkellem dwar AX Construction, spjega li dalwaqt jitlesta x-xogħol fuq l-*annex* tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Sar ukoll xogħol fil-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta, kif ukoll fi Quintano Foods fil-Logistic Centre. F'din is-sussidjarja wkoll id-dħul żdied.

Imbagħad tkellem dwar is-sussidjarja AX Real Estate, li hija elenkata fuq il-Borża ta' Malta. Hawnhekk id-dħul żdied minn €19.4 miljun għal €21.64 miljun, u għaldaqstant qabżu l-aspettattivi. Matul is-sena li għaddiet ingħata dividend interim ta' €7.2 miljun, filwaqt li f'Mejju ta' din is-sena se jingħata dividend finali ta' €7.1 miljun.

Rigward investimenti oħra, spjega li għandhom investimenti fl-Imselliet fejn hemm żewġ *solar plants*. Għandhom ukoll interess fil-Valletta Cruise Port, fejn se jsir żvilupp fuq l-Atrium u fil-*power station* l-antika. Sar xogħol ukoll fuq il-mollijiet minn Infrastructure Malta u Transport Malta.

Meta tkellem dwar il-futur, spjega li se jkomplu jbigħu l-proprjetajiet li fadal fil-Verdala u jkomplu bil-kostruzzjoni fuq diversi proġetti, filwaqt li jippożizzjonaw il-proġett Verdala Wellness.

Imbagħad tkellem dwar ir-relazzjoni mal-investituri, fejn qal li qed jaħdmu biex jgħollu l-prezz tal-ishma fis-suq. Sar *tour* għall-membri tal-MASS, u fil-futur matul din is-sena se jsir ieħor fil-Verdala.

Fl-aħħar nett saru diversi mistoqsijiet, fosthom minn membru tal-MASS li staqsa x'impatt tista' jkollha l-gwerra li kienet għaddejja. Fir-risposta ntqal li Malta mhijiex fiż-żona tal-konflitt, iżda jista' jkun hemm bidla fit-turiżmu u fil-*cruise liners*, li tista' twassal għal impatt pożittiv. Min-naħa l-oħra, l-impatt negattiv jista' jiġi minn żjieda fil-prezzijiet. Rigward id-djun tal-kumpanija, spjega li matul din is-sena dawn mistennija jkomplu jonqsu, iżda s-sena ta' wara jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu.

Is-Sur Warrington spjega wkoll li se jitnieda programm ta' *buyback* mill-kumpanija, u għaldaqstant se titressaq riżoluzzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali. Dak iż-żmien, il-prezz tal-ishma kien ta' madwar 30 ċenteżmu, jiġifieri nofs in-*Net Asset Value* (NAV), u dan ma kienx sodisfaċenti. Għaldaqstant, se jinżammu miljun ewro mill-profitti tal-kumpanija biex jinxtraw dawn l-ishma. Dawn mhux se jiġu kkanċellati, iżda jistgħu jerġgħu jinbiegħu meta jkun il-mument opportun. Il-prezz tax-xiri mhux se jkun ogħla mill-NAV ta' 55 ċenteżmu, u x-xirjiet mhux se jaqbżu €25,000 kull darba. Spjega li l-għan mhuwiex li jimmanipulaw is-suq, iżda li jagħtu opportunità lil min jixtieq ibigħ l-ishma tiegħu.

**Fis-17 ta' Marzu 2026**, filgħaxija, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-assoċjazzjoni tagħna, MASS. Din il-laqgħa saret fis-sala tal-kumpless Daniż, l-Għadira, il-Mellieħa. Għal dan il-għan, l-assoċjazzjoni organizzat trasport mill-Furjana, sabiex tagħmilha aktar faċli għall-membri biex jattendu. Il-laqgħa kellha attendenza rekord ta' madwar 90 persuna.




Fil-bidu tal-laqgħa, sakemm intlaħaq il-kworum, ġew diskussi diversi suġġetti attwali li dak iż-żmien kienu ta' importanza għall-membri tagħna. Intervjena wkoll il-President tagħna, is-Sur Anthony Farrugia. Dakinhar ġiet ukoll imnedija l-websajt il-ġdida tal-MASS, li ntweriet fuq l-iskrin u ngħatat spjegazzjoni fuqha. Wara madwar nofs siegħa bdiet il-laqgħa formali bi preżentazzjoni, fejn ingħataw ir-rapporti kollha meħtieġa:

il-minuti tal-laqgħa tas-sena l-oħra; id-diskors tal-president; ir-rapport amministrattiv, u r-rendikont finanzjarju. Dawn ir-rapporti jinsabu fil-paġni li jmiss Fl-aħħar kien hemm ħin għal mistoqsijiet u suġġerimenti għal dawk preżenti. Fl-aħħar nett, saret bibita, li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-membri tal-MASS.

**Fl-20 ta' Marzu 2026**, filgħodu, numru sostanzjali ta' membri tal-kumitat, flimkien ma' membri oħra tal-MASS, attendew konferenza organizzata mill-Malta Bankers' Association, b'kollaborazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta. Il-konferenza, bit-titlu *"Ħu Ħsieb Flusek: Is-Sigurtà Diġitali għar-Reżiljenza kontra l-Frodi u Scams"*, saret fis-Sala Laparelli fil-bini tal-istess Bank Ċentrali. Mal-wasla tagħna saret ir-reġistrazzjoni segwita minn kafè. Il-konferenza nfetħet b'kummenti minn Kenneth Farrugia, Ċermen tal-Assoċjazzjoni tal-Bankiera Maltin. Wara bdew il-preżentazzjonijiet, fosthom:









- Ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar pagamenti frodulenti, minn Kirsten Ellul mill-Bank Ċentrali ta' Malta.
- Tipi ta' frodi u *scams* onlajn u kif wieħed jista' jevita li jsir vittma, minn Sarah Pulis mill-Malta Financial Services Authority.
- L-Att dwar is-Servizzi Diġitali – L-importanza tal-Att għal kulħadd, minn Greta Agius mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta.
- Awtentikazzjoni sigura tal-klijent, minn Ramona Despott mill-Bank of Valletta.
- 3D *Secure* u Xiri onlajn, minn Daniel Said mill-Me Direct Bank.
- Ix-xiri tagħna fil-ħajja ta' kuljum u f'era ta' reklami u promozzjonijiet, minn Mark Bezzina minn ĠEMMA.

Wara kien hemm waqfa għall-kafè, u mbagħad il-konferenza kompliet b'dawn is-suġġetti:

- Attenti mill-frodi: kif ma taqax fin-nassa, minn Patrick Debattista, Espert.
- Kif tagħraf u kif tipproteġi lilek innifsek minn *scams* u x'inhu r-rwol tal-pulizija f'dawn ir-reati, minn Ryan Muliett mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta.
- Vittmi ta' kriminalità relatata ma' reati finanzjarja – Il-pass li jmiss, minn Brian Farrugia mill-Aġenzija għas-Sapport tal-Vittmi.
- Mid-deċiżjonijiet tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji – Stejjer u tagħlimiet, minn Geoffrey Bezzina mill-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.



Fi tmiem il-konferenza saru mistoqsijiet minn dawk preżenti, segwiti mill-għeluq formali minn Oliver Bonello, Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Il-kummenti finali ngħataw minn Karol Gabarretta, Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Bankiera Maltin. Fl-aħħar nett kien hemm bibita. Din il-konferenza ntlaqgħet tajjeb ħafna minn dawk kollha li attendew.



**Fl-24 ta' Marzu 2026**, wara nofsinhar, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS fil-Borża ta' Malta il-Belt Valletta. Id-9 membri kollha kienu preżenti.

Il-President fetaħ il-laqgħa fl-4.15 pm u mexa skont l-aġenda li ġejja:

1. Qari tal-minuti tal-laqgħa preċedenti
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ħatra tal-uffiċjali tal-Kumitat tal-MASS
5. Konferenza Better Finance fl-Islanda f'Ġunju 2026
6. Applikazzjoni għal fondi SIS minn VO għal konferenza ppjanata
7. Affarijiet oħra

**1. Qari tal-Minuti**

Is-Segretarja Ġenerali qrat il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat. Saret korrezzjoni waħda li ġiet emendata. Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**2. Riżultati mill-Minuti**

**MASS *Tours*** – Qed jiġu organizzati 4 *tours* tal-MASS: żjara fil-MaltaPost, żjara fil-bank APS, żjara fil-Bank Ċentrali ta' Malta, u żjara fil-BOV. Għadhom ma ġewx stabbiliti d-dati. *Tours* u laqgħat oħra huma skedati kif jidher fil-lista mehmuża.

**Websajt tal-MASS** – Il-websajt il-ġdida tal-MASS issa hija attiva u kompletament funzjonali.

**Laqgħa ma' Malita** – S'issa l-MASS ma rċeviet l-ebda tweġiba għat-talba għal laqgħa ma' Malita, minkejja diversi tfakkiriet. Mark De Marco rrimarka li bħala assoċjazzjoni għandna d-dritt legali li nitolbu Laqgħa Ġenerali Straordinarja (EGM) biex tittieħed riżoluzzjoni jekk jiġi kkonfermat li l-membri tagħna jirrappreżentaw mill-inqas 5% tal-ishma tal-kumpanija. Jeħtieġ li nġibu lill-membri tagħna magħna biex jifhmu sew il-kwistjonijiet u jappoġġjawna bis-sħiħ.

**Faċilità Finanzjarja** – Ġie deċiż li, għal raġunijiet prattiċi, membru ieħor tal-Kumitat jingħata aċċess għall-faċilità bankarja tal-Assoċjazzjoni. Joseph Mangion offra li jieħu dan ir-rwol.

**Laqgħa ma' membru tal-MASS** – Il-laqgħa saret fil-11 ta' Marzu 2026. Huwa għamel diversi proposti u kummenti.

**3. Korrispondenza**

Il-korrispondenza li waslet ġiet iċċirkolata lill-membri tal-Kumitat.

**4. Ħatra tal-Uffiċjali tal-Kumitat tal-MASS**

Ġie deċiż li l-ħatriet tal-membri tal-Kumitat jibqgħu kif kienu fl-2025. Il-President, Anthony Farrugia, qal li jekk xi ħadd jixtieq jikkontesta għall-kariga ta' President kien lest iċedi l-pożizzjoni tiegħu. Ħadd ma kkontesta u Anthony Farrugia kien ikkonfermat unanimament bħala President tal-MASS għall-2026.

Għaldaqstant, il-Kumitat tal-MASS għall-2026 huwa kif ġej:

Anthony Farrugia – President
Tarcisio Barbara – Viċi President u PRO
Mary Farrugia – Segretarja Ġenerali
John Cachia – Assistent Segretarju
Mark Demarco – Teżorier
Kevin Mizzi – Segretarju Internazzjonali u Edukazzjoni
Olena Borg – Segretarja Amministrattiv u Websajt
Joseph Mangion – Ass-Teżorier u Responsabbli mis-Sħubija
Albert Azzopardi – Membru

**5. Konferenza Better Finance fl-Islanda f'Ġunju 2026**

Rappreżentanti tal-MASS se jattendu l-konferenza tal-BF f'Ġunju 2026 li se ssir fl-Islanda bejn is-17 u d-19 ta' Ġunju 2026. Qed jiġu kkunsidrati l-arranġamenti tat-titjiriet u l-akkomodazzjoni.

Il-MASS se torganizza wkoll laqgħa onlajn mal-BF biex tiddiskuti l-possibbiltà li l-laqgħa annwali tal-BF issir f'Malta fl-2028.

**6. Applikazzjoni għal fondi SIS minn VO għal konferenza ppjanata**

L-iskema tal-fondi SIS tagħti għotjiet ta' bejn €2,000 u €5,000 lil NGOs li jissodisfaw il-kriterji meħtieġa. Il-MASS se tapplika għal dawn il-fondi. John Cachia pprepara abbozz ta' proġett li jenfasizza l-aspett soċjali u volontarju kif ukoll il-viżjoni tal-MASS, li tippromwovi l-litteriżmu finanzjarju. Il-proġett se jikkonsisti f'konferenza b'numru ta' *workshops*. Jekk jingħataw dawn il-fondi, dawn ikopru l-ispejjeż tal-post, kelliema, materjal promozzjonali, *refreshments* u riċeviment ta' għeluq. Il-MASS se tibda tikseb kwotazzjonijiet għal dawn l-ispejjeż.

**7. Affarijiet Oħra**

Il-Borża ta' Malta qablet li tibda tinkludi l-prezz tal-ekwita fis-sezzjoni tal-*Bids and Offers* fuq il-websajt tagħha kif mitlub mill-MASS. Dan huwa utli għall-azzjonisti u l-investituri.

Il-MSE se tibda wkoll tinkludi reklamar dwar il-MASS fuq il-websajt tagħha.

Il-Kumitat qabel li minn issa 'l quddiem membri li ma jħallsux, inklużi sħab ta' membri, għandhom jibdew iħallsu miżata tas-sħubija. Dan jitqies bħala miżura ġusta u jgħin biex tiżdied is-sħubija tal-MASS.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.15 pm.

***Anthony Farrugia***
President

***Mary Farrugia***
Segretarja Ġenerali



**Fis-27 ta' Marzu 2026**, wara nofsinhar, żewġ membri mill-kumitat tal-MASS, attendew *summit* organizzat minn EquityMatch.co fil-Malta Marriott Resort & Spa. Fil-qosor, dan is-*summit* iffoka fuq kif l-Intelliġenza Artifiċjali tintuża biex tlaqqa' l-ħtiġijiet tal-investituri ma' dak li qed joffru l-fundaturi tan-negozji. Id-diskussjoni tal-panel kienet bit-titlu *Exploring the Regulatory & Investment Landscape of Malta*, u l-panel kien magħmul minn:

Is-Sinjura Nathalie Farrugia – Chief Officer, Malta Enterprise
Is-Sur André Zerafa – Partner, Ganado Advocates
Is-Sur Justin Paul Anastasi – Group CEO, VentureMax
Is-Sinjura Helen Chorley – Investor & International Speaker
Is-Sur Miguel Borge – CEO, Malta Venture Capital




moneybase

Premium investing, with **ultra low fees** on the Malta Stock Exchange.

**IPOs**
**No fees.**

**Stocks & Bonds**
From €1.25, max 0.1%.

**Treasury Bills**
From €9.99, max 0.05%.




Calamatta Cuschieri | moneybase

This is a marketing communication. The value of investments may go up as well as down and investors might not get back the original amount invested. All rates available on moneybase.com/invest/stocks/. Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd (CCIS) C13729 is licensed by the MFSA to provide investment services under the Investment Services Act. CCIS registered address at Level 0, Ewropa Business Centre, Dun Karm Street, Birkirkara BKR 9034, Malta.

# MINUTI TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAL-MASS 17-02-2025 LI SARET FIL-KUMPLESS DANISH VILLAGE – MELLIEĦA



Fis-6.30 pm, il-President Anthony Farrugia fetaħ uffiċjalment il-Laqgħa Ġenerali Annwali b'din l-aġenda:

**Aġenda:**

1. Ħatra ta' Ċermen – Approvazzjoni
2. Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali 2024 – Approvazzjoni
3. Diskors tal-President
4. Rapport Amministrattiv – Approvazzjoni
5. Rapport Finanzjarju – Approvazzjoni
6. Emendi għall-Istatut (jekk ikun hemm) – Approvazzjoni
7. Mozzjonijiet (jekk ikun hemm) – Approvazzjoni
8. Ħatra ta' Reviżuri – Approvazzjoni
9. Elezzjoni tal-Kumitat (jekk meħtieġ) – Tinqara l-Lista tan-Nomini

Kummenti, suġġerimenti u mistoqsijiet

Ringrazzjamenti.




**1.** Anthony Farrugia ppropona lil Tarcisio Barbara bħala Ċermen għal din il-laqgħa u Alfred Portelli ssekonda.

**2**. Inqraw il-minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali mis-Segretarja Ġenerali Mary Farrugia. Kienu proposti minn Joseph Mangion u sekondati minn Kalċidon Mifsud. Approvati.

**3.** Il-President Anthony Farrugia għamel id-diskors tiegħu. Dan kien l-ewwel diskors tiegħu f'din il-kariga.

**4.** Is-Segretarja Ġenerali Mary Farrugia qrat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024. Ippropona Adrian Curmi Dimech; issekonda Kevin Mizzi. Approvat.

**5.** It-Teżorier Mark Demarco qara r-rapport finanzjarju. Alfred Portelli ppropona u Manuel Dimech issekonda. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

**6.** Tarcisio Barbara ippropona li ssir bidla fl-isem tal-Assoċjazzjoni għal "Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors". Din l-emenda fl-istatut ġiet approvata unanimament.

**7.** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**8.** Is-Sinjura Carmen Borg inħatret bħala reviżur għal din s-sena.

**9.** Nominazzjonijiet li rċevejna għall-kumitat il-ġdid 2025 huma:

| ISEM | PROPONENT | SEKONDANT |
|---|---|---|
| Anthony Farrugia | Kalċidon Mifsud | Profs Ivan Grixti |
| Tarcisio Barbara | Antoine Dimech | Antoine Barbara |
| Mary Farrugia | Tarcisio Barbara | Anthony Farrugia |
| Albert Azzopardi | Antoine Barbara | Mary Farrugia |
| Kevin Mizzi | Profs Ivan Grixti | Joseph Mangion |
| Olena Borg | Joseph Mangion | Kalċidon Mifsud |
| Joseph Mangion | Carmel Vella | Antoine Dimech |
| Mark Demarco | Tarcisio Barbara | Albert Azzopardi |
| John Cachia | Tarcisio Barbara | Anthony Farrugia |



Għalhekk, billi n-numru ta' nominazzjonijiet mhux aktar minn dak rekwiżit, in-nominati jifformaw il-Kumitat il-ġdid tal-MASS għas-sena 2025.

**Kummenti u suġġerimenti:**

Fil-bidu tal-laqgħa tqajmet il-kwistjoni tat-*takeover* tal-bank HSBC. Il-President spjega li bir-raġun l-azzjonisti huma nkwetati dwar x'se jiġri minn flushom. Huwa fisser illi meta jsir bejgħ ta' ishma ta' kumpanija, dan għandu jkun jirrifletti il-prezz tas-suq tal-mument. Għadu kmieni però biex wieħed ikun jaf min huma dawk interessati li jixtru l-bank. Tajjeb jekk meta dawn ikunu *shortlisted* għal tlieta, ikunu ppubblikati.




Is-Sur Alfred Portelli ta prosit lill-Kumitat tal-ħidma matul is-sena u li dan irriżulta wkoll fi żjieda fil-*membership*. Huwa ssuġġerixxa li forsi wasal iż-żmien li ssir laqgħa oħra mal-Prim Ministru.
Is-Sur Joe Ciantar issuġġerixxa li għandu jsir studju biex jinvestiga l-mod kif persuni, per eżempju bejn il-45 u s-60 sena, jieħdu ħsieb it-tfaddil u l-investimenti tagħhom, sabiex wieħed ikollu stampa ta' kif sejjer is-suq.
Huwa suġġerixxa wkoll li l-MASS torganizza konferenza fejn persuna professjonali tispjega lill-membri kif kumpaniji jagħmlu l-*workings* tagħhom biex jaslu għad-dividend li jingħata lill-investitur. It-Teżorier tal-MASS spjega li fuq il-*website* tal-MSE jidhru biss l-aqwa ħames offerti meta jkun hemm bejgħ.
Is-Sur Martin Gatt qal illi tajjeb kieku l-MASS tagħmel ġemellaġġ ma' għaqda oħra simili barra minn Malta. B'hekk wieħed ikun jista' jaqsam xi *best practices* għall-ġid taż-żewġ pajjizi. Tarcisio Barbara spjega li l-MASS diġà hija membru mal-Better Finance u kien hemm żmien meta konferenza tal-Better Finance ittellgħet ġewwa Malta.
Is-Sur John Cachia qal li l-MASS għandha rwol edukattiv ukoll fil-litteriżmu finanzjarju. Hemm fondi apposta li jistgħu jinkisbu għall-NGOs mingħand l-uffiċċju tal-Volontarjat.
Fl-aħħar nett, Tarcisio Barbara fakkar illi tajjeb li meta jkun hemm post vakant fil-Bord tad-Diretturi f'xi kumpanija elenkata fil-Borża, dan għandu jimtela minn persuna li tirrappreżenta lill-azzjonisti minoritarji. Il-membri tal-MASS jistgħu jgħinu f'dan bil-vot tagħhom.




**Ringrazzjamenti**
Tarcisio Barbara għamel diskors ta' ringrazzjament lil dawk kollha li għenu għas-suċċess tal-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena fosthom:
Lill-Awtoritajiet
Lill-Isponsors
Lill-Borża ta' Malta
Lill-Membri tal-Kumitat
Lil dawk il-Membri kollha li jappoġġjawna u lil dawk kollha preżenti.
Grazzi ħafna wkoll lill-Maniġment tal-Malta Stock Exchange.
Għal din il-laqgħa attendew 47 persuna.
Il-President għalaq il-laqgħa fit-7.45 pm u wara sar riċeviment fl-istess post.

***Anthony Farrugia***
President

***Mary Farrugia***
Segretarja Ġenerali

# Diskors tal-President tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Azzjonisti Minoritarji u Investituri Retail (MASS) mill-President Anthony Farrugia fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS 17 ta' Marzu 2026



Sur Chairman, sħabi membri tal-kumitat u azzjonisti,

Huwa ta' unur kbir għalija li llejla niftaħ din il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Azzjonisti Minoritarji u Investituri ta' Bejgħ bl-Imnut.



Nixtieq nibda billi nirringrazzjakom sinċerament talli lqajtu l-istedina tagħna u attendejtu b' ħeġġa biex tisimgħu dwar il-ħidma li l-Assoċjazzjoni kompliet twettaq f'isimkom matul din is-sena li għaddiet.

Bħalma tafu, l-Assoċjazzjoni organizzat numru sostanzjali ta' konferenzi u attivitajiet matul is-sena. Barra minn hekk kellna laqgħat ma' bordijiet ta' kumpaniji u ma' diversi entitajiet finanzjarji bħall-MFSA, l-MBR, u l-Borża ta' Malta, kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħrajn relevanti.

Aktar dettalji dwar dawn l-attivitajiet ser jingħataw mis-Segretarja tagħna, is-Sinjura Mary Farrugia, fir-rapport amministrattiv. Min-naħa tiegħu, is-Sur Mark Demarco se jippreżenta r-rapport finanzjarju, peress li huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-finanzi tal-Assoċjazzjoni.

Madanakollu, b'dispjaċir irrid ngħid li matul din is-sena kellna wkoll xi sitwazzjonijiet diffiċli marbuta ma' xi kumpaniji. L-ewwel nett kompliet is-saga relatata ma' HILI Properties, filwaqt li HILI Ventures tidher determinata li takkwista kemm jista' jkun ishma lura mingħand il-pubbliku.

It-tieni kwistjoni kienet relatata mal-kumpanija Malita. F'dan il-każ il-kumpanija esperjenzat problemi ta' likwidità u kien hemm ukoll xi każijiet fil-qorti fejn xi kuntratturi allegaw li ma tħallsux. Barra minn hekk kien hemm ukoll diversi riżenji mill-bord tul is-sena.

Fir-rigward tal-kumpanija MIDI, il-kumpanija qed tgħid li d-dewmien fil-proġett tal-iżvilupp ta' Manoel Island kien dovut għad-dewmien fil-ħruġ tal-permessi mill-awtoritajiet. Min-naħa l-oħra, il-Gvern qed isostni li l-kumpanija kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt minħabba li l-proġett ma tlestiex fiż-żmien stipulat.

Nixtieq inħeġġiġkom tibqgħu tagħtu s-sehem tagħkom sabiex l-għaqda tagħna tkompli tikber u tissaħħaħ, u tkompli taħdem għall-ġid tal-azzjonisti ż-żgħar. Anke l-iċken kontribut huwa importanti u jagħmel differenza.

Fl-aħħar nett, nixtieq nerġa' nirringrazzja lilkom kollha tal-appoġġ tagħkom kontinwu. Nirringrazzja wkoll lill-isponsors tagħna, lill-Borża ta' Malta, u lill-kumitati kollha li ħdimna magħhom tul dawn l-aħħar snin.

Grazzi ħafna.



# RAPPORT AMMINISTRATTIV ANNWALI TAL-MASS MILL-1 TA' JANNAR 2025 SA DIĊEMBRU 2025



**Il-Kumitat tal-Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (MASS VO/0629 – l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Azzjonisti Minoritarji u Investituri bl-Imnut), fis-sena 2025 wara l-laqgħa ġenerali annwali li saret fis–17 ta' Frar 2025, kien magħmul minn dawn is-sinjuri:**

| | |
|---|---|
| Anthony Farrugia | President |
| Tarcisio Barbara | Viċi President u Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi; |
| Mary Farrugia | Segretarja Ġenerali |
| John Cachia | Assistent Segretarju |
| Mark Demarco | Teżorier |
| Kevin Mizzi | Segretarju Internazzjonali u Edukazzjoni |
| Olena Borg | Amministrazzjoni Ġenerali |
| Joseph Mangion | Inkarigat mill-Isħubija tal-Membri |
| Albert Azzopardi | Membru |

Din s-sena wkoll il-ħidma tal-MASS baqgħet għaddejja b'ritmu tajjeb. Bħas-soltu attendejna l-Laqgħat Ġenerali Annwali tal-Kumpaniji kollha elenkati fil-Borża ta' Malta, fejn saru numru ta' mistoqsijiet biex naġġornaw ruħna fuq dak li jkun qed jiġri fis-suq tal-investimenti, kemm lokali u kemm barra minn Malta. Attendejna konferenzi u seminars, kif ukoll il-MASS organizzat numru ta' konferenzi li ttrattaw temi diversi li kienu ndirizzati minn esperti f'numru ta' suġġetti li jolqtu l-investimenti. F'waħda minn dawn il-konferenzi, dik li saret f'Mejju, ġiet imfakkra l-mitt konferenza minn meta twaqqfet il-MASS.

Din is-sena l-MASS iddeċidiet li tilqa' l-istedina tal-Better Finance għal Konferenza Annwali li saret f'Madrid. Żewġ membri tal-MASS, Tarcisio Barbara u Mark Demarco, attendew. Sar indirizz fil-laqgħa minn Tarcisio Barbara li ntlaqa' tajjeb ħafna u saru wkoll xi kuntatti ma' individwi li jistgħu jkunu ta' interess u għajnuna għall-assoċjazzjoni. Fil-preżentazzjoni s-Sur Barbara tkellem dwar xi wħud mill-isfidi li jiffaċċja l-investitur Malti fis-suq lokali, bħal per eżempju d-dividendi baxxi li jingħataw, il-likwidità limitata, l-abbużi fis-suq, u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-laqgħat ġenerali annwali. Ix-xewqa tal-MASS hija li fis-snin li ġejjin ikun possibbli li din il-laqgħa annwali tal-Better Finance issir ġewwa Malta.

Il-Kumitat ukoll baqa' jiltaqa' darba fix-xahar, fejn id-diskussjoni ma tieqaf qatt u jittieħdu d-deċiżjonijiet li jkun hemm bżonn. Bħala rapport tal-ħidma li saret tul s-sena 2025 saru:

Laqgħat tal-Kumitat – 11
Laqgħat tas-Sotto-Kumitat, ma' Focus Groups u membri – 7
Laqgħat waqt Avvenimenti u Bibiti – 7
Konferenzi organizzati mill-MASS – 13
Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS – 1
Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-MASS – 0
Attendenza f'Laqgħat Ġenerali Annwali tal-Kumpaniji – 33
Attendenza f'Laqgħat Ġenerali Straordinarji tal-Kumpaniji – 2
Laqgħat ma' Awtoritajiet, Banek, Kumpaniji, Konferenzi, Seminars, eċċ – 60
Ħadna sehem fi Programmi tar-Radju – 0
Ħarġiet bi preżentazzjoni – 9
*Newsletter* – 8



Bla dubju tinnottaw li l-ħidma tal-MASS matul s-sena hija waħda kontinwa u bla waqfien. Tant hu hekk li mill-figuri li għadna kemm rajna kien hemm żjieda fuq is-sena ta' qabel fejn jidħlu laqgħat tal-kumitat u tas-sotto kumitat, u wkoll fil-laqgħat li attendejna mal-awtoritajiet u entitajiet oħra.

Fost il-*highlights* tas-sena 2025, insemmi l-laqgħat ferm imporanti li attendejna fosthom ir-*roundtable conference* organizzata mill-Malta Stock Exchange fit-22 ta' Jannar u l-laqgħa ġenerali straordinarja organizzata mill-HSBC dwar it-*takeover* tal-bank.




Laqgħat oħrajn ikkonċernaw l-avvenimenti li seħħew fis-sena 2025, bħall-kwistjoni ta' Hili Properties li affettwat numru ta' azzjonisti, ħafna minnhom membri tal-assoċjazzjoni. Fil-fatt, il-MASS kellha laqgħa ta' aktar min sagħtejn u nofs mal-uffiċjali għolja tal-MFSA dwar din il-kwistjoni, biex f'isem il-membri tipprotesta għall-mod kif ġew ittrattati l-azzjonisti.

Kwistjoni oħra li nqagħlet fis-sena 2025 hija dwar il-konsorzju Midi, kwistjoni li wkoll se tħalli impatt negattiv fuq l-azzjonisti u dawk li għandhom il-bonds li nvestew f'din il-kumpanija. Fil-fatt, fuq din il-kwistjoni, il-MASS attendiet għal-laqgħa urġenti mal-Prim Ministru, biex tappoġġja l-investituri li ntlaqtu ħażin. Kif tafu sal-lum din il-kwistjoni għadha għaddejja.



Laqgħa importanti oħra saret mal-Ministru tal-Finanzi, l-Onorevoli Clyde Caruana. Ġew diskussi temi importanti għall-investituri żgħar, bħall-ammont ta' *freefloat* li għandu jkun hemm fis-suq lokali, is-sorveljanza u regolazzjoni tal-kumpaniji elenkati fil-Borża ta' Malta, u anke xi tibdil li għandu jsir fl-andament tal-laqgħat ġenerali annwali, biex jagħtu saħħa akbar lill-azzjonisti fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Avveniment ieħor li seħħ f'pajjiżna fl-2025 kienet il-ħatra ta' Kap tal-Oppożizzjoni ġdid. Il-MASS ukoll kella laqgħa ta' korteżija u introduzzjoni mal-Kap il-ġdid.

Matul is-sena li għaddiet ukoll sibna għajnuna minn numru ta' persuni li jikkontribwixxu regolarment għan-*Newsletter* tagħna, li sservi bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn il-MASS u l-membri kollha. Sibna ħafna għajnuna wkoll mingħand l-i*sponsors* tagħna.

Inrodd ħajr lil dan il-Kumitat, li ħdimna flimkien għall-ġid tal-membri tagħna, lilkom li attendejtu u l-i*sponsors* kollha. Nawgura sena ta' ħidma siewja lill-Kumitat il-ġdid kollu. Grazzi ħafna.

***Mary Farrugia***
Segretarja Ġenerali

***Anthony Farrugia***
President

# Uħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom

Good afternoon. I am a relatively new member of MASS and enjoyed reading the second newspaper I received, which I found very interesting. (Today I received another issue. Thank you). I hope you will allow me to make two related suggestions:

1. The amount of meetings attended with the relative preparation, is definitely commendable.
May I suggest that when you report about meetings held at your request, this should also include the outcome, besides the topics discussed. This would make your reporting more value adding to members.
Eg. Meeting with Minister of Finance mentioned dividends / buy backs / HSBC. What was his feedback?

2. Correspondence received by the Association.
Can you also publish the Association's replies, when these are of interest to members?
Eg. Recent questions about Fimbank, HSBC, etc.

I thank you once again for your valuable contribution and for providing so much detailed information to members. Regards – **L.V.**

Bonġu, Keep up the good work Tarcisio, Saħħa – **J.G.**

Għażiż Sur Barbara, Dan l-aħħar il-Prim Ministru ħabbar li l-pensjonanti se jiġu eżentati milli jħallsu taxxa (mid-dħul li mhux pensjoni) fuq dħul addizzjonali sa massimu tal-pensjoni tagħhom (għalkemm il-Legal Notice/ Avviż Legali 53 tal-2026 jimplika ammont limitat għal €37,104).

Nixtieq li l-MASS titlob li lilna l-pensjonanti ma jibqgħux joħdulna 35% taxxa fuq id-dividends. Għaliex għalkemm suppost it-taxxa li nħallsu żejda bħala 35% dividend tax tintbagħtilna lura, jien personalment għadni QATT ma rċevejt *tax rebate* lura mit-taxxa tad-dividends li titteħidli mill-kumpaniji, avolja jien lanqas pensjoni sħiħa ma nieħu.

Grazzi tal-attenzjoni u tislijiet – **M.G.X.**

Għażiż Tarcisio, Nawguralkom għal-Laqgħa Ġenerali tal-MASS – **C.G.**

Sur Barbara, Nirringrazzjak tal-informazzjoni. – **M.T.**

Grazzi mill-qalb. Napprezza ħafna, ħabib – **J.G.**

Tarcisio, Prosit kbira tal-bieraħ fil-LĠA. Inti mexxejt tajjeb u lbieraħ kulħadd ta sehmu u l-għadd ta' membri kien kbir u ma smajt lil ħadd igerger. Osservajt li did-darba kielu u xorbu kemm riedu. Prosit mill-ġdid, ukoll tan-Newsletter.– **A.P.**

Għażiż Sur Barbara, Grazzi tal-informazzjoni tal-ħidma dejjiema tagħkom. - **R.M.**

Good morning and Greetings, Thank you for your regular emails. Best regards – **L.M.**

Għażiż Sur Barbara, Grazzi u prosit tal-organizzar tal-LĠA. Kienet vera laqgħa interesanti. – **M.C.**

# MIN JIRĊIEVI N-NEWSLETTER

Għeżież membri, aħna qed nibagħtu n-Newsletter: Shareholders' News kważi kull xahar bil-posta lil dawk il-membri kollha li jħallsu l-miżata regolarment, kif ukoll dawk li jixtiquha permezz tal-imejl. B'dan il-mezz tal-aħħar inkunu qed niffrankaw il-posta li għoliet ħafna.

Dawk il-membri li ma jħallsux il-miżata u li huma mniżżlin fl-indirizzi tagħna bħala *The Resident*, il-fuljett ma jirċevuhx regolarment. Lil dawn il-membri, aħna nibagħtulhom il-fuljett *at random*, minn fuq lista ta' aktar minn 3,000 indirizz li għandna.

Inħeġġeġ lil dawn il-membri (The Residents) biex jibdew iħallsu l-miżata, ħalli jibdew jirċievu dan il-magażin kull xahar, kif ukoll jieħdu l-benefiċċji kollha mill-Assoċjazzjoni, fosthom li jattendu laqgħat u konferenzi, inkluż xi bibiti.

# Miżati tal-Membri fil-MASS

Wara s-suċċess tal-aħħar laqgħat u konferenzi li organizzajna, fejn rajna żjieda sinifikanti fin-numru ta' parteċipanti, il-Kumitat tal-MASS ħa d-deċiżjoni li, minn issa 'l quddiem, l-attendenza għal dawn l-attivitajiet tkun limitata għal membri reġistrati biss.

Dan japplika wkoll għall-konjuġi jew *partner* tal-membri, li sabiex jattendu jridu jkunu membri tal-MASS huma wkoll. Din il-miżura qed tittieħed biex niżguraw ġustizzja u sostenibbiltà fl-organizzar tal-attivitajiet tagħna.

Kif tafu, f'diversi minn dawn il-laqgħat nipprovdu riċevimenti u servizzi oħra mingħajr ħlas addizzjonali għall-parteċipanti. Dawn jinvolvu spejjeż konsiderevoli li qed jiġu assorbiti mill-assoċjazzjoni. Filwaqt li diġà hemm diversi koppji li jħallsu l-miżati tagħhom separatament, issa dan se jsir rekwiżit obbligatorju għal kulħadd.

Napprezzaw ħafna l-kooperazzjoni tagħkom f'dan ir-rigward, sabiex inkunu nistgħu nkomplu noffru dawn l-attivitajiet u nżommu livell għoli ta' organizzar u ospitalità. L-għan tagħna huwa li, bl-appoġġ tagħkom, inkomplu nipprovdu esperjenza pożittiva u ta' valur għal kulħadd, anke jekk formalment m'aħniex obbligati nipprovdu dawn ir-riċevimenti.

**Infakkru li l-miżata tas-sħubija fil-MASS hija waħda modesta:**

- **€20 għal perijodu ta' 5 snin, jew**
- **€10 għal perijodu ta' sentejn.**

**Biex tapplikaw tistgħu tużaw il-formola f'paġna 19, jew direttament waqt xi laqgħa/konferenza.**

**Nirringrazzjawkom tal-fehim u l-appoġġ kontinwu tagħkom.**



# Avviżi

## IL-114-IL KONFERENZA TA' MEJJU

**Data:** It-Tlieta 12 ta'Mejju 2026
**Suġġett:** Taxxa fuq il-Pensjonijiet u Mistoqsijiet ġenerali dwar it-Taxxa
**Kelliema:** Is-Sinjura Gineve Schembri - Senior Manager, MTCA
Is-Sur Patrick Mifsud - Officer in grade 4, MTCA
Is-Sur Paul Briffa - Revenue Inspector, MTCA
Is-Sur Mario Camilleri - Senior Service Expert, Servizzi.gov
minn MTCA: Malta Tax & Customs Administration
**Post:** Borża ta' Malta, il-Belt Valletta
**Ħin:** Fil-5:30 pm Kafè; fis-6:00pm Konferenza

## IL-115-IL KONFERENZA TA' ĠUNJU

**Data:** It-Tnejn 8 ta' Ġunju 2026
**Suġġett:** Tagħrif dwar il-Valutazzjoni Intrinsika (*Intrinsic Valuation Insights*)
Is-sessjoni se teżamina l-kunċetti ewlenin tal-valutazzjoni intrinsika, jiġifieri d-dħul tal-flus (*free cash flow*), ir-rati ta' tkabbir, u r-rati ta' skont. Se nħarsu lejn kif jista' jiġi stmat il-valur, filwaqt li nirrikonoxxu l-isfidi tal-inċertezzi.
**Kelliem:** Is-Sur Jonathan Falzon minn Rizzo Farrugia Stockbrokers
**Post:** Borża ta' Malta, il-Belt Valletta
**Ħin:** Fil-5:30 pm Kafè; fis-6:00 pm Konferenza

## IL-116-IL KONFERENZA TA' ĠUNJU

**Data:** It-Tlieta 23 ta' Ġunju 2026
**Suġġett:** Il-Liġi tal-Kumpaniji (*Company Law*)
**Kelliem:** Mill-MBR (*Malta Business Registry*)
**Post:** Aktar tard
**Ħin:** Fil-5:30 pm Kafè; fis-6:00 pm Konferenza

**Qed jiġu ppjanati konferenzi oħrajn fuq suġġetti importanti li dwarhom membri tal-MASS qed juru interess. Dawn il-konferenzi se jiġu mħabbra fil-ġimgħat li ġejjin permezz ta' imejl.**

### MEMBERSHIP APPLICATION FORM (IKTEB B'ITTRI KBAR)

NIXTIEQ INSIR MEMBRU / INĠEDDED IS-SĦUBIJA TAL-

**MALTA ASSOCIATION OF MINORITY SHAREHOLDERS & RETAIL INVESTORS.**

Isem u kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

Kodiċi Postali: ______________ ID: ______________

Tel ______________ Mowbajl______________ Imejl: ______________

Qed nibgħat ċekk ta' €_______, f'isem il-MASS.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ______________ DATA: ______________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

## Companies Supporting the Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (MASS)

### DIAMOND

Malta Stock Exchange (FIDEM INTEGRITAS PARIT)

### PLATINUM

International Hotel Investments p.l.c.

APS bank – values you can bank on

BOV Bank of Valletta

HSBC

### GOLD

Harvest

Malta International Airport

M&Z

moneybase

bmit

### SILVER

Convenience Online

FIMBANK

GO

Lombard

LOQUS Business Intelligence

Medserv Regis

PG plc

Farsons

maltapost

Santumas Shareholdings plc

Main Street

Mapfre Middlesea

Midi

Plaza

### BRONZE

Trident Estates plc

Malta Properties

VBL Group

Jesmond Mizzi

AX Group